7 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Muscat

**Traffiku — Kolliżjoni — "Brake Marks" — "Res Ipsa Loquitur".**

*F'materja ta' kawżi ta' traffiku, il-"brake marks" huma waħda minn dawk iċ-ċirkustanzi li jwasslu għall-applikazzjoni tat-teorija tar-"Res Ipsa Loquitur".*

*Min ikun isuq, għalkemm ma jagħmelx dawk il-kalkoli matematiċi li huma meħtieġa biex fil-Qorti jiġi apprezzat u ġudikat il-każ, għandu però jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kolliżjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi u għandu jirregola l-għemil tiegħu fis-sewqan konformement.*

*Jekk ma jagħmelx hekk, huwa jirrendi ruħu ħati ta' traskuraġni imputabili kriminalment.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-15 ta' Diċembru 1951, l-imputat ġie misjub ħati talli minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u inosservanza tar-regolamenti, waqt li kien isuq motor-van minn St. Mary Street, Ħaż-Żebbuġ, ħabat ma' truck u għamillu ħsara għad-dannu ta' l-Awtoritajiet Militari, u ġie liberat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 Kap. 12;

L-imputat appella kontra din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-fatti huma suffiċjentement rikapitolati fis-sentenza appellata, u d-Difiża u l-Prosekuzzjoni għamlu riferenza għalihom (ara verbal fol. 12); biss l-appellant reġa' xehed, fuq talba tiegħu, biex jagħti xi skjarimenti. Fost affarijiet oħra hu qal li, meta żbokka fit-triq maġġuri, ra karrozza tal-Militar bogħod minnu 150 jarda. Fis-sentenza appellata hemm 150 pied. L-imputat kompla jgħid li hu, wara, kien kejjel id-distanza bil-passi, u sabha ta' 172 pass. Issa, pass vwoldiri pass regolari, ossija pass militari, u hu risaput li kull pass militari jitqies żewġ piedi u sitt pulzieri; kosikkè 172 pass ifissru 145 jarda;

Issa, hu fatt li t-truck misjuq minn Borg (ko-imputat fl-ewwel istanza, li nstab ħati wkoll minħabba sewqan negliġenti u ma appellax) ħalla "brake marks" ta' 27 pied u tliet

pulzieri. Il-"momentum" tat-truck lanqas spiċċa wara din id-distanza, għaliex it-truck kaxkar il-van ta' l-appellant għal sitt piedi u tliet pulzieri;

Din bi waħda minn dawk iċ-ċirkustanzi li, f'materja ta' kawżi tat-traffiku, tissejjaħ "res ipsa loquitur". L-Imħallef sedenti, wara li kkunsidra x-xorta ta' l-art fil-post in kwistjoni, ċjoè asfaltata, ix-xorta tat-tyres ta' truck simili għal dik li hija "road adhesion", il-fatt li l-art ma kienetx imxarrba, u t-tkaxkira tal-van wara l-"brake-marks", u wara li ikkonsulta dak li jingħad fuq "braking distances", bħala indikativi tal-veloċità, fit-"Tables" publikati minn Ferrodo Limited fl-1940, fil-publikazzjoni dwar il-materja ta' l-espert Philip Ruskin fil-"Popular Mechanics Magazine 1947", u t-"Tables" li hemm fil-ktieb "How to Drive a Car" (Temple Press, London, p. 125), ġie għall-konklużjoni illi t-truck kien miexi almenu bi speed, kuntrarjament għal dak li qal id-driver Borg, ta' tletin mil fis-siegħa — speed perikoluż relativament għaċ-ċirkustanzi tal-lokalità; u għalhekk Borg ġie kundannat;

Issa għandu jiġi realizzat illi, meta vettura tkun sejra bi 30 mil fis-siegħa, dan ifisser li tkun qiegħda tagħmel kważi ħmistax-il jarda fis-sekonda;

Anki kieku, meta l-imputat beda jaqsam, it-truck kien għadu bogħod 150 jarda, dan ifisser li f'għaxar sekondi kien jasal fuq il-van;

Aktarx li, kif qal Borg, id-distanza bejnu u l-light car, li semma l-imputat u li kienet għaddiet qabel, kienet ta' xi 25 jarda biss. Borg ammetta li kien qiegħed jipprova jilħaq il-light car. Għalhekk it-truck laħaq fuq il-van proprju fi ftit sekondi. Laħqu meta l-van kienet kważi qasmet. Ywoldiri illi l-"margin" biex wieħed jaqsam kien taħt iċ-ċirkustanzi "margin" prekarju ta' ftit sekondi;

Issa, min isuq, għalkemm ma jagħmelx dawn il-kalkoli matematiċi, li huma meħtieġa biex fil-Qrati jiġi apprezzat u ġudikat il-każ, għandu, però, ikun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku distanzi u kolliżjonijiet huma kwistjoni ta', kif jingħad, "a split second", u għandu jirregola l-għemil tiegħu fis-sewqan konformement. Jekk ma jagħmilx

hekk, ikun qed jirrendi ruħu ħati ta' traskuraġni imputabili kriminalment;

Din il-Qorti, għalhekk, taqbel mal-fehma tal-Maġistrat illi l-imputat kien imprudenti, taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ, meta pprova jaqsam f'salib it-toroq bl-isperanza azzardata li jagħmel il-manuvra "a tempo", jew li d-driver tat-truck jirrallenta li speed tiegħu biex iħallih jgħaddi; "molto più" meta wieħed jirrifletti li l-imputat kien fuq triq sekondarja;

Id-driver tat-truck żbalja meta saq b'dak li speed irraġjonevoli fiċ-ċirkustanzi tal-post, u għalhekk ġie kundannat mill-Maġistrat; imma li speed irraġjonevoli tiegħu kien, vis-a-vis l-imputat, fattur li kien jimponilu grad akbar ta' diliġenza. Huwa utili, a propożitu, li wieħed ifakkar dak li qal Lord Dunedin fil-kawża "Macandrew vs. Tillard" (1909) Scottish Cases (117) 78. "The driver", qal dan l-Imħallef Skoċċiż, "knew that he was going to cross at right angles to a very frequented and main thoroughfare; and if there is one rule more than another that it is necessary to lay down for the practical conduct of traffic, it is that it is the business of those who are on the cross road and going to cross the main road to look out when they enter the main road, and to give way to all traffic which is coming along the main road. Of course, there is a degree in everything........, they have a right to cross the main road...........; but where there is any possibility at all of collision, it is the business of the person on the side road to give way to the person on the main road". S'intendi, din ir-"rule" ma teassolvix lill-"main road driver", li anki hu javviċina l-"entrance" għas-"side roads" b'attenzjoni; u għalhekk anki Borg ġie dikjarat ħati;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.